## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR RACHEL AQUILINA) V. EDMOND GAUCI (KI. 331977M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**23/04/2024**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

| | |
|---|---|
| **Lil Edmond Gauci** | **Bin Nazzareno u Mary Anne nee' Galea mwieled fit-30/06/1977u joqghod Cawsli Crt, Fl 5, Triq l-Imdina, Qormi I.D. 331977(M)** |

**BILLI inti akkuzat/a** talli fid-09/01/2021 ghall-habta ta' 20:45 hrs gewwa Triq l-Imdina, Qormi, soqt vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBT 865;

1. Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq minghajr polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni. **Sec. 3(1), Chap. 104**

2. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, li ma kelliex licenza **Sec. 15(1)(a)(3), Chap. 65**

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PC 203 W. Azzopardi (*affidavit*), PC 107 N. Dalli (*affidavit*) u ta' Stephen Cachia għan-nom ta' Transport Malta (*affidavit*).

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Provi*

1. Jirriżulta mill-*affidavits* ta' **<u>PC 203 W. Azzopardi</u>** u **<u>PC 107 N. Dalli</u>** illi fid-data, ħin u lok in kwistjoni l-imputat twaqqaf waqt *road-check* u rriżulta li kien qed isuq vettura tal-għamla Mitsubishi Pajero bin-numru ta' reġistrazzjoni JBT-865 mingħajr assigurazzjoni u b'liċenzja tat-triq skaduta.

2. Mill-affidavit ta' **<u>Stephen Cachia</u>** in rappreżentanza ta' Transport Malta rriżulta fost affarijiet oħra illi fid-data in kwistjoni l-liċenzja tal-vettura in kwistjoni kienet skaduta (skadiet fit-30 ta' Novembru 2020).

3. It-tieni imputazzjoni għalhekk tirriżulta ppruvata u biex jingħad kollox l-imputat innifsu rreġistrat ammissjoni fir-rigward ta' din l-imputazzjoni fis-seduta tal-lum 23 ta' April 2024.

4. Dwar l-ewwel imputazzjoni, dik li kien qiegħed isuq mingħajr ma kien hemm fis-seħħ għall-użu ta' dik il-vettura minnu, polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, l-Art. 3(1A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta (L-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni) jipprovdi illi:

   > **'3 (1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)'**

5. Kien għalhekk jispetta lill-imputat sabiex jippreżenta polza tal-assigurazzjoni u dan sabiex jipprova juri għas-sodisfazzjon tal-Qorti illi huwa kien kopert minn polza tal-assigurazzjoni valida. Fin-nuqqas ta' din il-prova l-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati ukoll ta' din l-ewwel imputazzjoni.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 u l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-Art. issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih (bit-tieni waħda tkun ammessa) u tikkundannah iħallas multa fl-ammont ta' elfejn u erba' mitt  euro (€ 2,400). B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u l-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar u tmient ijiem.**

**V.G. Axiak**<br>**Maġistrat**

**Y.M. Pace**<br>**Dep. Reġistratur**